25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 2

**Emenda 2**
**Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Merja Kyllönen, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Kostas Chrysogonos, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Malin Björk, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi f'dawn l-aħħar snin il-komunità internazzjonali osservat xejra terribbli ta' attakki fuq sptarijiet u skejjel f'kunflitti armati madwar id-dinja, bħall-attakki reċenti fuq iċ-ċentri tas-saħħa ta' Doctors Without Borders (MSF) f'Kunduz (l-Afganistan) fit-3 ta' Ottubru 2015, f'Razah (il-Jemen) fl-10 ta' Jannar 2016, u f'numru ta' bliet Sirjani matul il-kunflitt attwali; billi kien hemm żieda bla preċedent fiċ-ċaħda ta' għajnuna u aċċess umanitarji, fl-eżekuzzjoni ta' persuni ċivili u persunal umanitarju, fid-detenzjoni f'kundizzjonijiet diffiċli, u f'każijiet fejn ċivili jintużaw bħala ostaġġi jew jiġu mġiegħla fl-iskjavitù; billi l-bżonnijiet u l-isfidi li qed jiżdiedu, in-nuqqas ta' impenji sostnuti u ż-żieda fl-ispiża tal-assistenza umanitarja kkontribwew biex is-sistema umanitarja attwali tilħaq il-limiti tagħha, u billi dan ġiegħel lil għadd ta' organizzazzjonijiet jissospendu b'mod temporanju l-għajnuna | A. billi f'dawn l-aħħar snin il-komunità internazzjonali osservat xejra terribbli ta' attakki fuq sptarijiet u skejjel f'kunflitti armati madwar id-dinja, bħall-attakki reċenti fuq iċ-ċentri tas-saħħa ta' Doctors Without Borders (MSF) f'Kunduz (l-Afganistan) fit-3 ta' Ottubru 2015, f'Razah (il-Jemen) fl-10 ta' Jannar 2016, u f'numru ta' bliet Sirjani matul il-kunflitt attwali; ***billi anke fil-kunflitti li ilhom għaddejjin fil-Palestina u fis-Saħara tal-Punent qed iseħħ ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali; billi, f'Awwissu 2014, l-Iżraeljani bbumbardjaw skola tan-NU li kienet qed tagħti kenn lil aktar minn 3000 persuna spostata fil-belt ta' Rafah f'Gaża, att li ġie kkundannat bħala wieħed kriminali mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon;*** billi kien hemm żieda bla preċedent fiċ-ċaħda ta' għajnuna u aċċess umanitarji, fl-eżekuzzjoni ta' persuni ċivili u persunal umanitarju, fid-detenzjoni |


Magħquda fid-diversità

alimentari, il-kenn u operazzjonijiet umanitarji oħra li jsalvaw ħajjet in-nies;

f'kundizzjonijiet diffiċli, u f'każijiet fejn ċivili jintużaw bħala ostaġġi jew jiġu mġiegħla fl-iskjavitù; billi l-bżonnijiet u l-isfidi li qed jiżdiedu, in-nuqqas ta' impenji sostnuti u ż-żieda fl-ispiża tal-assistenza umanitarja kkontribwew biex is-sistema umanitarja attwali tilħaq il-limiti tagħha, u billi dan ġiegħel lil għadd ta' organizzazzjonijiet jissospendu b'mod temporanju l-għajnuna alimentari, il-kenn u operazzjonijiet umanitarji oħra li jsalvaw ħajjet in-nies;

Or. en

25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 3

**Emenda 3**

**Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Kostas Chrysogonos, Jiří Maštálka, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Malin Björk, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi xi gruppi armati jopponu l-edukazzjoni sekulari u dik tal-bniet, jew li l-bniet jiġu ttrattati minn persunal mediku tas-sess maskil, u għalhekk dan jostakola l-aċċess għal dawn is-servizzi; billi klima ġenerali ta' nuqqas ta' sigurtà minħabba kunflitt tipprevjeni wkoll lit-tfal, lill-għalliema u lill-persunal mediku milli jattendu l-iskola jew ifittxu assistenza medika; billi n-nisa u t-tfal jiffaċċaw riskji aktar akuti minħabba l-ispostament u minħabba l-kollass tal-istrutturi normali ta' protezzjoni u appoġġ; billi d-dritt umanitarju internazzjonali jirrikjedi li l-kura medika kollha meħtieġa tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni lill-bniet u n-nisa stuprati fil-gwerra; | L. billi xi gruppi armati jopponu l-edukazzjoni sekulari u dik tal-bniet, jew li l-bniet jiġu ttrattati minn persunal mediku tas-sess maskil, u għalhekk dan jostakola l-aċċess għal dawn is-servizzi; billi klima ġenerali ta' nuqqas ta' sigurtà minħabba kunflitt tipprevjeni wkoll lit-tfal, lill-għalliema u lill-persunal mediku milli jattendu l-iskola jew ifittxu assistenza medika; billi n-nisa u t-tfal jiffaċċaw riskji aktar akuti minħabba l-ispostament u minħabba l-kollass tal-istrutturi normali ta' protezzjoni u appoġġ; billi d-dritt umanitarju internazzjonali jirrikjedi li l-kura medika kollha meħtieġa tiġi pprovduta mingħajr diskriminazzjoni lill-bniet u n-nisa stuprati fil-gwerra; ***billi l-abort mhux sikur huwa elenkat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa bħala waħda mit-tliet kawżi ewlenin ta' mewt*** |

***marbuta mal-maternità; billi s-saħħa materna, l-assistenza psikoloġika għan-nisa vittmi ta' stupru, u l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal spostati huma sfidi kbar fil-kampijiet tar-rifuġjati;***

Or. en

25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 4

**Emenda 4**
**Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Merja Kyllönen, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Kostas Chrysogonos, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Malin Björk, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża u l-partijiet okkupati tas-Saħara tal-Punent; jisħaq fuq il-fatt li l-ġustizzja u r-rispett għall-istat tad-dritt huma pilastri indispensabbli għall-paċi u jisħaq fuq il-fatt li l-impunità sistemika u persistenti prevalenti fil-konfront tal-ksur tad-dritt internazzjonali għandha tintemm;*** |

Or. en

25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 5

**Emenda 5**
**Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Kostas Chrysogonos, Jiří Maštálka, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Malin Björk, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. Jenfasizza li l-jedd għas-saħħa hu jedd tal-bniedem, u jitlob lill-partijiet kollha involuti f'kunflitti armati biex jiggarantixxu d-disponibilità, l-aċċessibilità, l-aċċettabilità u l-kwalità tas-servizzi mediċi matul kunflitti armati; | 7. Jenfasizza li l-jedd għas-saħħa hu jedd tal-bniedem, u jitlob lill-partijiet kollha involuti f'kunflitti armati biex jiggarantixxu d-disponibilità, l-aċċessibilità, l-aċċettabilità u l-kwalità tas-servizzi mediċi matul kunflitti armati; ***jappella għal impenn globali sabiex jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet ikunu sikuri sa mill-bidu ta' kull emerġenza jew kriżi billi jiġi indirizzat ir-riskju ta' vjolenza sesswali u sessista, billi titqajjem kuxjenza, billi jittieħdu passi biex min iwettaq vjolenza ta' dan it-tip jiġi mħarrek, u billi jiġi żgurat li, fi kriżijiet umanitarji, in-nisa u l-bniet ikollhom aċċess għall-firxa sħiħa ta' servizzi fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inklużi aborti sikuri, minflok ma jiġi pperpetwat dak li effettivament hu trattament inuman, kif rikjest mid-dritt umanitarju internazzjonali u kif previst*** |

***fil-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom;***

Or. en

25.4.2016

B8-0488/2016 }
B8-0489/2016 }
B8-0490/2016 }
B8-0491/2016 }
B8-0492/2016 }
B8-0493/2016 } RC1/Em. 6

**Emenda 6**
**Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Marie-Christine Vergiat, Paloma López Bermejo, Kostas Chrysogonos, Jiří Maštálka, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Marina Albiol Guzmán, Malin Björk, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
Attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jirrikonoxxi l-importanza tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali, peress li l-ebda stat jew organizzazzjoni oħra ma adottaw dokument ekwivalenti; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw dawn il-Linji Gwida b'mod effikaċi; | 14. Jirrikonoxxi l-importanza tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali, peress li l-ebda stat jew organizzazzjoni oħra ma adottaw dokument ekwivalenti; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw dawn il-Linji Gwida b'mod effikaċi; ***jiġbed l-attenzjoni għall-impatti negattivi tal-politiċizzazzjoni tal-assistenza umanitarja, u jfakkar li r-rispett għall-prinċipji umanitarji ċentrali, u l-impenn kontinwu favurihom, huma elementi kritiċi biex jiġi żgurat spazju umanitarju fl-inħawi ta' kunflitt;*** |

Or. en